**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 17 ta' Lulju 2019**

**Rikors nru: 107/18 AGV**

**AB ( KI nru:174270 M)**
**Vs**
**Dr. Mark A. Mifsud Cutajar u PL. Veronica Rossignaud li inhattru bhala Kuraturi Deputati biex jirraprezentaw lill-assenti CB (KI Nru: 9433 A).**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fis-26 ta' Frar 2019, li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu fit-tlieta u ghoxrin ta' Frar tas-sena elf disa' mija u wiehed u disghin (23/02/1991) hekk kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A, u minn daz-zwieg ma kellhomx tfal.
2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-tletin ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgha (30/11/2004), b' sentenza tal-Qorti (Sezzjoni tal-Familja), citazzjoni numru 2036/2000 RCP.
3. Illi konsegwentament, il-partijiet ilhom separati mis-sena elfejn u erbgha u ghalhekk ghal aktar minn hames snin.
4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li l-partijiet ilhom ' il fuq minn ghaxar snin mifrudin, barra minn hekk, il-partijiet ma ghandhomx kunatt ma' xulxin tant li r-rikorrenti lanqas biss taf fejn qieghed jirrisjedi CB.
5. Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut f' dal-istadju.
6. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66 B, tal-Kodici Civili, il-Kap. 16 ta-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqtant, l-esponenti umilment titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie iccelebrat fit- 23 ta' Frar 1991.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati, sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata tal-Kuraturi Deputati Dr. Mark A. Mifsud Cutajar u PL. Veronica Rossignaud mahtura ghall-assenti CB ;

Illi l-esponenti ma humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirriserva d-dritt li jipprezentaw risposta motivata f' kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Rat id-dokumenti annessi mar-rikors guramentat tar-rikorrenti.

Rat li l-intimat ma ressaq ebda provi.

Rat illi, ghalhekk, ir-rikorrenti rnexxiet tipprova l-kaz taghha, u t-talbiet maghmula minnha ghandhom jintlaqghu.

**Ikkunsidrat;**

Illi r-rikorrenti qed titlob il-hall taz-zwieg taghha ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Biex isehh dan, ir-rikorrenti trid tipprova li ilha mifruda minn zewgha ghal aktar minn erba' snin f'dawn l-ahhar hames snin, li ma hemmx possibilita' ta' rikonciljazzjoni, u li ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment dovut. Jirrizulta li l-partijiet kienu infirdu permezz ta' sentenza tat-30 ta' Novembru, 2004, wara li kienu zzewgu fit-23 ta' Frar, 1991. Ir-rikorrenti stqarret fir-rikors taghha li ma hemm ebda possibilita' ta' rikonciljazzjoni mal-intimat, u ma hemm ebda pendenza ta' manteniment dovut. Il-konvenut, li hu assenti minn Malta, u li presumibbilment ilu hekk assenti, naqas milli jippresenta provi li jikkontradixxu dak imressaq mir-rikorrenti.

Ghalhekk il-Qorti sejra tilqa' t-talbiet taghha, u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:

Tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti;

Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan jigi hekk registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu a kariku tal-intimat.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**